**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017

Talba Numru: 185/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 31

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa**
**MRS 1501**
**Vs**

**Cleaning & Security Services Limited**

**(C60063)**

**No 22, Triq l-Ahwa Zammit**

**Hal Qormi**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit- 18 ta' Mejju, 2016 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' elf u tmienja u disghin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,098.64) in konnessjoni ma' diversi servizzi moghtija lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u migbura fil-kont bin-numru 40326729.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritti mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, isib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf u tmienja u disghin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,098.64c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentanta ta' din l-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tas-socjeta' konvenuta. .

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**